

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1602**tal-31 ta' Lulju 2023****dwar l-istabbiliment tan-network tan-negozjanti primarji u d-definizzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-mandati ta' tmexxija u ta' tmexxija konġunta għat-tranżazzjonijiet sindakati għall-finijiet tal-attivitajiet ta' teħid ta' self mill-Kummissjoni fisem l-Unjoni u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 220a(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fil-kuntest tal-azzjonijiet adottati mill-Unjoni wara l-kriżi tal-COVID-19, ġie stabbilit network tan-negozjanti primarji bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2021/625 ⁽²⁾ biex jiffunzjona bħala network kwalifikat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment li dwaru l-Kummissjoni tappella għat-tqegħid primarju ta' titoli ta' dejn, għall-promozzjoni ta' tali kollokamenti u, skont il-każ, għall-forniment ta' servizzi finanzjarji rilevanti, bħall-ġhoti ta' pariri u intelligence ġusti dwar is-suq.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 220a tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2022/2434 ⁽³⁾, it-teħid b'self awtorizzat skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 ⁽⁴⁾ u, ħliet f'każijiet debitament ġustifikati, l-operazzjonijiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn għall-finanzjament ta' programmi ta' assistenza finanzjarja jenħtieġ li jsiru mill-Kummissjoni taħt strateġija ta' finanzjament diversifikata. Strateġija ta' finanzjament diversifikata hija metodu ta' self ġenerali li jippermetti flessibbiltà rigward iż-żmien u l-maturità ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament uniku u għal żborżi regolari u kostanti lill-benefiċjarji.
- (3) Wara sentejn ta' funzjonament tan-network tan-negozjanti primarji, huwa meħtieġ xi titij b'mod partikolari fir-rigward tal-proċessi ta' notifikazzjoni pprovduti min-negozjanti primarji, u fir-rigward tas-sospensjoni jew l-esklużjoni ta' negozjant primarju min-network.
- (4) Ir-rikors għas-swieq kapitali jsir fuq skala kbira, u l-ħruġ isir ta' spiss ħafna. Bħala konsegwenza, l-organizzazzjoni tal-operazzjonijiet ta' finanzjament għandha tkun flessibbli.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2021/625 tal-14 ta' April 2021 dwar l-istabbiliment tan-network tan-negozjanti primarji u d-definizzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-mandati ta' tmexxija u ta' tmexxija konġunta għat-tranżazzjonijiet sindakati għall-finijiet tal-attivitajiet ta' teħid ta' self mill-Kummissjoni fisem l-Unjoni u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija (ĠU L 131, 16.4.2021, p. 170).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2022/2434 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 fir-rigward tal-istabbiliment ta' strateġija ta' finanzjament diversifikata bħala metodu ġenerali ta' teħid b'self (ĠU L 319, 13.12.2022, p. 1).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

- (5) In-negozjanti primarji ammessi fin-network huma intitolati li jipparteċipaw f'irkantijiet imwettqa mill-Kummissjoni għat-tehdid ta' self fis-swieq tal-kapital. Id-definizzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà tibni fuq l-esperjenza tal-Kummissjoni fl-għażla tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment taħt il-programmi ta' assistenza finanzjarja eżistenti. Hija tibbaża wkoll fuq l-aħjar Prattika minn emittenti sovrani u supranazzjonali.
- (6) L-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment għandhom ikunu intitolati għal sħubija fin-network tan-negozjanti primarji jekk jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà. Dawn għandhom l-għan li jiggarrantixxu t-tweqqiq effiċjenti tal-funzjoni tan-negozjanti primarji, b'mod partikolari t-tmexxija kompetenti tal-operazzjonijiet tas-suq u l-konformità mal-impenji tas-sottoskrizzjoni. F'dan ir-rigward huwa kruċjali li n-negozjanti primarji eliġibbli jagħtu xhieda ta' struttura organizzazzjonali solida, kapaċità professjonali u ta' ġestjoni, attività tas-suq sinifikanti fis-sottoskrizzjoni ta' operazzjonijiet ta' ħruġ ta' bonds sovrani u supranazzjonali, u konformità mal-qafas regolatorju rilevanti, speċjalment fir-rigward tar-rekwiżiti⁽⁵⁾ prudenzjali tal-Unjoni⁽⁶⁾. F'konformità mal-prinċipju tat-trasparenza, dawk il-kriterji u d-deċiżjonijiet ta' ammissjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ditta tal-investment bħala negozjant primarju għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (7) Is-sħubija fin-networks tan-negozjanti primarji mħaddma minn Stat Membru jew emittent supranazzjonali tagħti d-dritt lill-istituzzjoni ta' kreditu jew lid-ditta tal-investment biex tipparteċipa fl-irkantijiet tad-dejn pubbliku ta' dak l-emittent. Involvement regolari u attiv fi proċeduri ta' rkantijiet sovrani jew supranazzjonali hija turija affidabbli ta' esperjenza f'operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn pubbliku. Jenħtieġ għalhekk li l-eliġibbiltà għas-sħubija tan-network tan-negozjanti primarji tal-Unjoni tkun bil-kundizzjoni ta' sħubija f'tal-anqas network tan-negozjanti primarji jew mekkaniżmu ta' negozjar primarju wieħed ta' emittent supranazzjonali Ewropew jew ta' Stat Membru.
- (8) Jenħtieġ li ladarba jiġu ammessi fin-network tan-negozjanti primarji, in-negozjanti primarji jitħallew ikollhom it-titlu ta' "Membru tan-Network tan-Negozjanti Primarji tal-Unjoni Ewropea" u jipparteċipaw fl-irkantijiet kollha tat-titoli ta' dejn tal-Unjoni u tal-Euratom. Jenħtieġ li dawk in-negozjanti jixtru medja minima ponderata tal-volumi rkantati u jenħtieġ li jikkonformaw ma' ċerti obbligi ta' rapportar.
- (9) Jenħtieġ li n-negozjanti primarji jaderixxu wkoll mat-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-parteċi-pazzjoni fin-network tan-negozjanti primarji, b'mod partikolari d-drittijiet, l-impenji u l-obbligi tal-membri tan-network tan-negozjanti primarji, ir-rieżami annwali, l-obbligi ta' rapportar, kif ukoll ir-regoli dwar il-kontrolli, dwar is-sospensjoni tas-sħubija, dwar l-esklużjoni min-network tan-negozjanti primarji u dwar il-possibbiltà ta' ħruġ minnu.
- (10) Minbarra l-irkantijiet, il-ħruġ ta' titoli ta' dejn taħt programmi ta' self jitwettaq permezz ta' sindakazzjoni jew pjazzamenti privati. Għal dan l-għan, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew id-ditti tal-investment li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà stabbiliti għal tranżazzjonijiet sindakati u pjazzamenti privati jinħatru mill-Kummissjoni għall-fini ta' kull tranżazzjoni ta' self.
- (11) Il-membri tan-network tan-negozjanti primarji li jixtru perċentwal medju ponderat ogħla ta' volumi rkantati minn dak meħtieġ biex ikunu membri tan-network tan-negozjanti primarji, li jżommu sehem mis-suq sekondarju suffiċjenti f'titoli ta' dejn tal-Unjoni u tal-Euratom u li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi tal-arranġamenti ta' kwotazzjoni għandhom ikunu eliġibbli biex iservu bħala maniġers ewlenin fi tranżazzjonijiet sindakati. Jenħtieġ ukoll li dan il-grupp ta' negozjanti jieħu impenn li jippromwovi l-likwidità tat-titoli ta' dejn tal-Unjoni u tal-Euratom permezz ta' attività ta' ġenerazzjoni tas-suq, li jipprovdi konsulenza ekwa u informazzjoni dwar is-suq lill-Kummissjoni u li jippromwovi l-operazzjonijiet ta' ħruġ tal-Unjoni u tal-Euratom mal-investituri.

⁽⁵⁾ Ara, b'mod partikolari, ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

⁽⁶⁾ Ara, b'mod partikolari, ir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jstabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

- (12) Jenħtieġ li l-kompiti marbuta mar-rwoli ta' maniġer ta' tmexxija u maniġer ta' tmexxija konġunta jitqiesu bħala servizzi finanzjarji kif imsemmi fil-Kapitolu 1, it-Taqsima 2, il-punt 11.1, il-punt (j), tal-Anness I tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Jenħtieġ għalhekk li l-ħatra tan-negozjanti primarji eliġibbli bħala membri tas-sindakat għal tranżazzjoni speċifika ta' ħruġ tkun ibbażata fuq proċedura negozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt. Jenħtieġ li f'din il-proċedura jkun hemm inkluż li tintbagħat talba għal proposti lin-negozjanti eliġibbli u l-evalwazzjoni tal-proposti riċevuti mill-Kummissjoni.
- (13) Meta titqies il-frekwenza għolja li biha l-Kummissjoni hija mistennija li tirrikorri għas-swieq tal-kapital, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu bla intoppi, veloċi u effiċjenti biex jinħatru banek bħala maniġers ta' tmexxija u ta' tmexxija konġunta għat-tranżazzjonijiet sindakati. Għaldaqstant huwa meħtieġ li tiġi pprovduta bażi ekwa u trasparenti biex it-talba għal proposti tkun limitata għal subsett tan-negozjanti primarji eliġibbli li jipparteċipaw fis-sindakati. Din l-g hazla addizzjonali hija meħtieġa biex ikun hemm bilanċ bejn il-ħtieġa ta' kompetizzjoni fil-proċedura ta' akkwist għas-servizzi li jappoġġaw is-sindakat u l-ħtieġa ta' tħejjija effiċjenti ta' tranżazzjonijiet li jirrikjedu ċertu urġenza, u biex jiġi evitat sforz doppju min-negozjanti primarji fil-proċess ta' offerti għall-mandati sindakati. Din l-g hazla tal-banek jenħtieġ li tkun ibbażata fuq kriterji kwalitattivi u kwantitattivi, relatati mal-kapaċita ppruvata tan-negozjanti primarji eliġibbli li jappoġġaw l-operazzjonijiet ta' ħruġ sovrani u supranazzjonali fis-swieq primarji u sekondarji, u l-abbiltà tagħhom li jiddistribwixxu t-titoli ta' dejn lill-investituri. Jenħtieġ li dan il-proċess jipprovi wkoll mekkaniżmu ta' rotazzjoni li jiżgura opportunita indaqs għall-parteċipazzjoni fost in-negozjanti primarji eliġibbli kollha.
- (14) In-negozjanti primarji jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe każ ta' nuqqas ta' konformita mal-prattiki tas-suq u l-etika, inkluż li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe proċediment, sentenza, deċiżjoni jew sanzjoni li tikkonċerna d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 relatati mas-sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 135 sa 142 tiegħu. Dawn in-notifiki għandhom ikunu relatati biss man-negozjanti primarji nfushom u l-entitajiet prinċipali tagħhom. Tali notifika jenħtieġ li tkun mingħajr pregradizzju għall-obbligu tan-negozjanti primarji li jinfirmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla fis-sitwazzjonijiet kif iddikjarati matul il-proċess ta' applikazzjoni.
- (15) Sabiex tiġi prevista likwidita akbar tas-suq sekondarju tal-Unjoni u tat-titoli ta' dejn tal-Euratom, u biex jittejbu l-iskoperta tal-prezzijiet u t-trasparenza, huwa xieraq li jiġi introdott arranġament ta' kwotazzjoni li jenħtieġ li jħeġġeġ lin-negozjanti primarji jaġixxu bħala ġeneraturi tas-suq u jikkwotaw it-titoli ta' dejn tal-Unjoni u tal-Euratom fuq pjattaformi elettroniċi rikonoxxuti. Il-membri tan-network tan-negozjanti primarji jenħtieġ li jingħataw inċentivi xierqa biex jinvolvu ruħhom ftali attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq. Għal dan l-g han huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-kriterji għall-issodisfar tal-arranġament ta' kwotazzjoni.
- (16) Sabiex jiġu pprovduti inċentivi addizzjonali għan-negozjanti primarji kollha biex jinvolvu ruħhom fattivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq, huwa xieraq li jiġi pprovdut aċċess aktar sempliċi għall-mandati ta' tmexxija konġunta għal tranżazzjonijiet sindakati anke lil dawk in-negozjanti primarji li jappoġġaw il-likwidita tas-suq sekondarju fl-Unjoni u t-titoli ta' dejn tal-Euratom u jissodisfaw il-kriterji minimi tal-arranġament ta' kwotazzjoni, iżda ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibilita biex iservu bħala maniġers ewlenin għal tranżazzjonijiet sindakati. Tali aċċess għal mandati ta' tmexxija konġunta jippermetti lill-Kummissjoni ttipprovi inċentivi addizzjonali lil firxa usa' ta' membri tan-network tan-negozjanti primarji, li jiehd u passi biex jappoġġaw il-ħruġ tad-dejn tal-Unjoni u tal-Euratom. Il-kriterji ta' eliġibilita għal mandati ta' tmexxija konġunta għal tranżazzjonijiet sindakati għandhom għalhekk jiġu stabbiliti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra mandati ta' tmexxija konġunta għal mill-inqas tranżazzjoni waħda fil-perjodu kopert minn pjan ta' finanzjament stabbilit f'konformita mal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2022/2544 (7).

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2022/2544 tad-19 ta' Diċembru 2022 li tistabilixxi l-arranġamenti għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tat-teħid b'self u tal-ġestjoni tad-dejn tal-UE skont l-istrateġija ta' finanzjament diversifikata u operazzjonijiet ta' għoti b'self relatati (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 109).

- (17) Huwa xieraq li jiġu definiti u distinti b'mod ċar l-impnenji li jikkonċernaw mandati ta' tmexxija u ta' tmexxija konġunta u li l-kriterji ta' eliġibbiltà ta' tmexxija konġunta jsiru proporzjonati għall-benefiċċji tar-rwol. Għal dak l-għan, il-mandati ta' tmexxija konġunta jistgħu jingħataw ukoll lin-negozjanti primarji li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà rilevanti iżda jistgħu ma jwettqux l-impnenji addizzjonali kollha li huma meħtieġa biex jirċievu mandat ewlieni. In-negozjanti primarji kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà ta' tmexxija konġunta għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw bħala komexxejja fi tranżazzjoni sindakata, ħliet f'każijiet fejn l-effiċjenza operazzjonali tkun żgurata aħjar permezz ta' subsett ta' komexxejja eliġibbli. F'każijiet bħal dawn, il-ko-lead eliġibbli għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' ordni alfabetika b'mekkaniżmu ta' rotazzjoni.
- (18) Sabiex tissaħħaħ aktar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-proċessi ta' sospensjoni u esklużjoni tan-negozjanti primarji jenħtieġ li jkunu ċari u effiċjenti. Huwa importanti li jiġi żgurat li f'każijiet ta' hteġa, is-suspensjoni ta' negozjant primarju tkun tista' ssir mingħajr dewmien żejjed. F'każijiet fejn jinbeda proċess ta' esklużjoni, jenħtieġ li tali proċess jippermetti biżżejjed żmien għan-negozjanti primarji biex iwiegħbu għal avviż ta' nuqqas ta' konformità kkomunikat mill-Kummissjoni, u, fejn applikabbli, jieħdu miżuri korrettivi f'każijiet fejn tali nuqqas ta' konformità jista' jiġi kkoreġut.
- (19) Billi titqies il-hteġa li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ta' monitoraġġ sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-membri tan-network tan-negozjanti primarji mal-obbligi stabbiliti skont din id-Deċiżjoni u dispożizzjonijiet applikabbli rilevanti oħra, b'mod partikolari t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali. Jenħtieġ li, fejn xieraq, f'dik is-superviżjoni jkun involut l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).
- (20) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2021/625 stabbiliet in-network tan-negozjanti primarji u ddefinit b'mod partikolari l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-għażla tal-membri tiegħu. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/857 ⁽⁸⁾ emendat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2021/625 u estendiet il-kriterji ta' eliġibbiltà billi inkludiet ċerti ditti tal-investment awtorizzati li jwettqu l-attivitajiet ta' sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji u/jew it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn sod skont id-Direttiva 2014/65/UE ⁽⁹⁾. Din id-Deċiżjoni tibni fuq il-prinċipji stabbiliti mid-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tissostitwixxi d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2021/625, li jenħtieġ li titfassar kif xieraq.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU 1

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi n-network tan-negozjanti primarji u tistabbilixxi l-kriterji eliġibbli u d-dispożizzjonijiet proċedurali għall-għażla tal-membri tiegħu kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi ta' dawk il-membri.
2. Din id-Deċiżjoni tapplika għal kwalunkwe attività ta' teħid ta' self u ta' ġestjoni tad-dejn imwettqa mill-Kummissjoni fisem l-Unjoni u l-Euratom, li permezz tagħha l-Kummissjoni tagħżel kontropartijiet finanzjarji privati.

⁽⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/857 tas-27 ta' Mejju 2021 li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2021/625 fir-rigward tal-inklużjoni ta' ċerti ditti tal-investment fil-kriterji ta' eliġibbiltà għas-sħubija fin-network tan-negozjanti primarji tal-Unjoni (ĠU L 188, 28.5.2021, p. 103).

⁽⁹⁾ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (riformulat) Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "rkant" tfisser il-proċess tal-operazzjonijiet ta' ħruġ tat-titoli ta' dejn tal-Unjoni u tal-Euratom abbażi ta' offerti kompetittivi permezz ta' pjattaforma għall-irkantijiet fis-suq primarju;
- (2) "programmi ta' self" tfisser il-programmi tal-Unjoni u tal-Euratom li jinvolvu attivitajiet ta' teħid b'self fis-swieq finanzjarji;
- (3) "istituzzjonijiet ta' kreditu" tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif definita fl-Artikolu 4, paragrafu 1 (1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (4) "titoli ta' dejn" tfisser noti u/jew strumenti finanzjarji b'terminu qasir, bħal kambjali tat-teżor, kif ukoll kwalunkwe strument finanzjarju ieħor, maħruġ mill-Unjoni u/jew mill-Euratom;
- (5) "ditta tal-investment" tfisser ditta ta' investment kif definita fl-Artikolu 4(1), il-punt 1, tad-Direttiva 2014/65/UE;
- (6) "pjattaforma interprofessjonali" tfisser negozjant għal negozjant f'ċentru elettroniku tan-negozjar, stabbilit fl-Unjoni Ewropea, kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (24) tad-Direttiva (UE) 2014/65/UE, fejn in-negozjant i primarji jipparteċipaw bħala ġeneraturi tas-suq għan-negozjar f'suq sekondarju;
- (7) "kwotazzjoni" tfisser rati ta' offerti u talbiet sodi jew prezzijiet imqiegħda fuq pjattaformi interprofessjonali li jwasslu għall-konklużjoni awtomatika ta' tranżazzjoni jekk ir-rati jew il-prezzijiet korrispondenti tal-offerta jew tat-talba jkunu ġew ipprovduti minn parteċipant ieħor (ktieb tal-ordnijiet b'limitu ċentrali);
- (8) "membri fin-network tan-negozjanti primarji" tfisser kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investment li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 4 inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 15;
- (9) "emittent supranazzjonali Ewropew" tfisser il-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja, il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, il-Bank Ewropew tal-Investment u l-Bank Nordiku tal-Investment.

*Artikolu 3***Twaqqif tan-network tan-negozjanti primarji**

In-network tan-negozjanti primarji tal-Unjoni ("in-network tan-negozjanti primarji") għandu jinkludi grupp ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investment li huma eliġibbli biex jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' teħid b'self u ta' ġestjoni tad-dejn tal-Kummissjoni li ġejjin:

- (a) il-pjazzament ta' titoli ta' dejn fis-swieq primarji tal-kapital, b'mod partikolari permezz ta' rkantijiet u tranżazzjonijiet sindakati;
- (b) il-promozzjoni tal-likwidità tat-titoli ta' dejn tal-Unjoni u tal-Euratom fis-swieq finanzjarji;
- (c) il-forniment ta' konsulenza ekwa u informazzjoni dwar is-suq lill-Kummissjoni;
- (d) il-promozzjoni u l-iżvilupp tat-tqegħid tat-titoli ta' dejn tal-Unjoni u tal-Euratom.

KAPITOLU 2

SĦUBIJA TAN-NETWORK TAN-NEGOZJANTI PRIMARJI

Artikolu 4

Kriterji ta' eliġibbiltà għan-network tan-negozjanti primarji

istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investment li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għal sħubija fin-network tan-negozjanti primarji:

- (a) ikunu entità ġuridika stabbilita u jkollhom is-sede prinċipali tagħhom fl-Unjoni jew f'pajjiż taż-Żona Ekonomika Ewropea;
- (b) ikunu ssorveljati minn awtorità kompetenti tal-Unjoni u jkunu awtorizzati jwettqu attività ta' negozju ta' waħda minn dawn li ġejjin:
 - (i) istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁰⁾; jew
 - (ii) ditta tal-investment awtorizzata li twettaq l-attività ta' sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji jew it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn sod skont id-Direttiva 2014/65/UE; kif ukoll
- (c) jkunu membru ta' network tan-negozjanti primarji sovrani jew supranazzjonali Ewropew stabbilit għall-fini li jservi bħala kontroparti ta' Stat Membru jew ta' emittent supranazzjonali Ewropew. Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, network tan-negozjanti primarji sovrani jew supranazzjonali Ewropew għandu jinftehem bħala wieħed minn dawn iż-żewġ entitajiet segwenti:
 - (i) network, grupp jew sistema organizzata ta' istituzzjonijiet finanzjarji li jinħatru minn emittent sovrani jew supranazzjonali biex iservu bħala kontroparti tas-suq fil-qafas tal-ġestjoni tad-dejn pubbliku, li s-sħubija tagħhom tipikament tinvolvi l-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet ta' ħruġ ta' titoli ta' dejn pubbliku permezz ta' rkantijiet;
 - (ii) mekkaniżmu ta' negozju primarju li jkun sostanzjalment ekwivalenti għan-network, grupp jew sistema organizzata msemmija fil-punt (i).

Artikolu 5

Impenji

1. Il-membri tan-network tan-negozjanti primarji għandhom jieħdu l-impenji segwenti:
 - (a) li jixtru medja minima ponderata ta' 0,05 % tal-volumi rkantati mill-Unjoni u/jew mill-Euratom fuq bażi semiannwali f'konformità mal-parti 1 tal-Anness I;
 - (b) li jikkonformaw mal-obbligu li jirrapportaw b'mod preċiż, f'waqtu u integrali fuq bażi ta' kull xahar lill-Kummissjoni l-volumi nnegozjati f'titoli ta' dejn tal-Unjoni u tal-Euratom, skont il-format ta' rapportar armonizzat għan-negozjar fis-suq tad-dejn sovrani sekondarju Ewropew stabbilit permezz tas-Sottokumitat dwar is-Swieq tad-Dejn Sovrani tal-UE tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju tal-Unjoni Ewropea.
 - (c) li jippreżentaw kopja ffirmata tat-"Termini u l-Kundizzjonijiet ġenerali tan-negozjanti primarji tal-Unjoni Ewropea" ("TKG");
 - (d) li jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet tan-negozjar pprovduti lill-persunal tan-negozjar tiegħu jiġu riveduti kull tliet xhur u jkunu validament fis-seħħ;

⁽¹⁰⁾ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-supervizzjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338)

- (e) li jikkonformaw mal-etika u l-prattiki tas-suq, b'mod partikolari
- (i) jiżguraw konformità mar-regoli ta' kondotta u l-ogħla standards fil-prattiki tas-suq applikabbli għall-operazzjonijiet tagħhom fin-negozju b'introjtu fiss f'EUR;
 - (ii) in-negozjanti primarji u l-entitajiet omm tagħhom għandhom japplikaw miżuri relatati mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus (AML) u l-finanzjament tat-terroriżmu (CTF) f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli fis-seħħ.
 - (iii) kull negozjant primarju għandu jinnnotifika minnufih lill-Kummissjoni b'kull proċediment mibdi kontrih minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru dwar l-attività mwettqa min-negozjant primarju bħala istituzzjoni ta' kreditu jew ditta tal-investment. Kull negozjant primarju għandu jinnnotifika lill-Kummissjoni bi kwalunkwe miżura jew deċiżjoni li tittieħed b'riżultat ta' dawn il-proċedimenti;
 - (iv) kull negozjant primarju għandu jinnnotifika minnufih lill-Kummissjoni jekk in-negozjant primarju jew l-entità omm tiegħu humiex ikkundannati b'akkuża kriminali, inkluża l-evażjoni tat-taxxa, jew soġġetti għal sanzjonijiet amministrattivi jew dixxiplinari, jew sospiżi jew esklużi minn organizzazzjoni tal-industrija fi kwalunkwe Stat Membru;
 - (v) Jekk awtorità kompetenti ta' Stat Membru tidentifika xi nuqqasijiet b'rabta mal-AML jew is-CTF jew timponi xi sanzjoni b'rabta mal-AML jew is-CTF, in-negozjanti primarji għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni immedjatament u jirrapportaw dwar il-miżuri korrettivi tagħhom;
 - (vi) In-negozjant primarju għandu jiżgura li ma jikkonkludix tranżazzjonijiet li jikkonċernaw it-titoli ta' dejn tal-Unjoni u tal-Euratom, li jkunu jinvolvu kwalunkwe kontroparti inkorporata jew stabbilita f'pajjiż inkluż fil-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa jew li tkun identifikata bħala pajjiż terz b'riskju kbir skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva (UE) 2015/849 u elenkata fir-Regolament Delegat (UE) 1675/2016 jew li effettivament ma tikkonformax mal-istandards tat-taxxa tal-Unjoni jew miftiehma internazzjonalment dwar it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni u l-ksur tar-reġimi ta' sanzjonijiet, b'mod partikolari l-miżuri restrittivi skont l-Artikolu 215 TFUE;
- (f) li jittrattaw b'mod kunfidenzjali l-informazzjoni kollha riċevuta mill-Kummissjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b), il-kwalità tar-rappurtar għandha tiġi vvalutata regolarmet u r-riżultati għandhom jiġu nnotifikati lin-negozjant primarju interessat. In-negozjant primarju għandu jiġi nnotifikat jekk id-data mogħtija ma tkunx preċiża

3. Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu 1, punt (e), il-Kummissjoni għandha tevalwa l-imġiba tan-negozjanti primarji matul l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni sindakata u operazzjonijiet oħra ta' ġestjoni tad-dejn f'termini ta' prontezza, newtralità tas-suq u eżekuzzjoni ordnata u effiċjenti.

Artikolu 6

Termini u kundizzjonijiet ġenerali

1. It-TKG għandhom japplikaw għal kwalunkwe attività ta' teħid ta' self u ta' ġestjoni tad-dejn imwettqa mill-Kummissjoni taħt il-programmi ta' teħid ta' self skont din id-Deċiżjoni.
2. F'konformità ma' din id-Deċiżjoni, it-TKG għandhom:
 - (a) jistabbilixxi d-dettalji tal-obbligi għad-durata tal-parteċipazzjoni fin-netwerk tan-negozjanti primarji u d-dettalji tal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-mandati ta' tmexxija u ta' tmexxija konġunta;
 - (b) jistabbilixxu l-kontenut tar-rieżami annwali u l-proċedura għalih;

- (c) jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-obbligi ta' rappurtar;
 - (d) jistabbilixxu r-regoli dwar il-kontrolli;
 - (e) jistabbilixxu d-dettalji tar-regoli u l-proċedura għas-sospensjoni tas-sħubija, it-tneħħija ta' dik is-sospensjoni, u l-esklużjoni min-network tan-negozjanti primarji; kif ukoll
 - (f) jirregolaw il-possibbiltà ta' rtirar min-network tan-negozjanti primarji;
 - (g) tistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-arranġamenti ta' kwotazzjoni, inkluż il-perjodu ta' osservazzjoni u r-rekwiżiti u l-proċess għar-rikonoxximent tal-pjattaforma interprofessjonali;
3. Kwalunkwe limitu ta' żmien għandu jiġi kkalkulat kif ġej:
- (a) jekk limitu ta' żmien ikun espress f'jiem jew xhur minn ċertu data jew avveniment, il-jum jew ix-xahar li fih taħbat dik id-data jew jokkorri dak l-avveniment ma għandux jgħodd li jaqa' f'dak il-limitu ta' żmien;
 - (b) il-limitu ta' żmien espressi f'jiem għandhom jinkludu ġranet tax-xogħol biss. Il-ġranet ta' negozju għandhom jiġu ddeterminati skont il-kalendarju Lussemburgiż tal-btajjel pubbliċi u bankarji (<https://www.abbl.lu/fr/topic/bank-holidays/>);
 - (c) limitu ta' żmien espress f'xhur għandu jintemm bl-iskadenza tal-jum fl-aħħar xahar li jikkorrispondi għall-istess jum li fih taħbat dik id-data jew okkorra l-avveniment minn meta ġie kkalkulat il-limitu ta' żmien.
 - (d) jekk il-jum li fih jenħtieġ li jiskadi l-limitu ta' żmien espress f'xhur ma jokkorrix fl-aħħar xahar, il-limitu ta' żmien għandu jintemm bl-iskadenza tal-aħħar jum ta' dak ix-xahar;
 - (e) jekk żmien espress f'xhur jiskadi f'jum ta' vaganza pubblika jew bankarja, dan għandu jiġi estiż sa tmiem l-ewwel ġurnata tax-xogħol sussegwenti.

Artikolu 7

Drittijiet tal-membri tan-network tan-negozjanti primarji

Il-membri tan-network tan-negozjanti primarji għandu jkollhom id-drittijiet li ġejjin:

- (a) li jirreklamaw lilhom infushom bħala "Membru tan-Network tan-Negozjanti Primarji tal-Unjoni Ewropea";
- (b) li jipparteċipaw u jitfgħu offerti fi kwalunkwe rkant ta' titoli ta' dejn tal-Unjoni jew tal-Euratom;
- (c) li jirċievu fuq bażi regolari, mill-inqas darba fis-sena, feedback dwar il-prestazzjoni tagħha, speċjalment fir-rigward tal-klassifikazzjoni tagħha fl-irkanti u fis-swieq sekondarji; din il-feedback għandha tkun ibbażata fuq il-proċess ta' evalwazzjoni interna msemmi fl-Artikolu 13 bi kriterji oġġettivi li għandhom jiġu kkomunikati lin-negozjanti primarji;
- (d) mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu 3, li jkunu eliġibbli għal operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-dejn, inkluż l-operazzjonijiet li ġejjin:
 - (i) pjazzamenti privati;
 - (ii) tranżazzjonijiet ta' riakkwist kif definit fl-Artikolu 3(9) tar-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾;
 - (iii) swaps kif definit fit-Taqsima 1, il-punt 10, tal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 ⁽²⁾.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1)

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/583 tal-14 ta' Lulju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' trasparenza għal ċentri tan-negozjar u ditti ta' investiment fir-rigward tal-bonds, il-prodotti finanzjarji strutturati, il-kwoti ta' emissjonijiet u d-derivattivi(ĠU L 87, 31.3.2017, p. 229)

- (e) li jirriżenja fi kwalunkwe mument is-sħubija tiegħu fin-netwerk tan-negozjanti primarji billi jinnotifika tali riżenja lill-Kummissjoni; din ir-riżenja għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' xogħol tal-ewwel xahar wara d-data tan-notifika.

KAPITOLU 3

MANDATI TA' TMEXXIJA U TA' TMEXXIJA KONĠUNTA GĦAT-TRANŻAZZJONIJET SINDAKATI

Artikolu 8

Kriterji ta' eliġibbiltà għal mandati ewlenin għal tranżazzjonijiet sindakati

Il-membri tan-netwerk tan-negozjanti primarji huma eliġibbli biex iservu bħala maniġers ewlenin għal tranżazzjonijiet sindakati, soġġett għall-issodisfar tal-kriterji li ġejjin:

- ikunu xtraw sehem minimu tal-volumi rkantati mill-Unjoni u mill-Euratom, b'medja ponderata abbażi tal-aħħar tliet irkanti fuq bażi kontinwa;
- ikunu pprovdew evidenza, ibbażata fuq id-data tat-tranżazzjonijiet irrapportata skont din id-Deċiżjoni, li jkollhom sehem minimu mis-suq fost in-negozjanti primarji fit-titoli ta' dejn tal-Unjoni u tal-Euratom fis-swieq sekondarji fuq bażi kontinwa;
- ikunu kkonformaw mar-reqwiziti minimi tal-arranġamenti ta' kwotazzjoni matul il-perjodu ta' osservazzjoni;
- li jkunu qablu, bħala parti mill-KĠT, mat-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-mandati għal tranżazzjonijiet sindakati u mal-iskeda tat-tariffi.

L-ishma minimi msemmija fl-ewwel paragrafu, il-punti (a) u (b), ir-reqwiziti minimi msemmija fl-ewwel paragrafu, il-punt (c), kif ukoll regoli dettaljati oħra għall-mandati ewlenin għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar Prattiki tas-suq b'mod partikolari ta' emittenti pari u għandhom jirriflettu l-bilanċ tal-benefiċċji u l-obbligi għall-membri tan-netwerk tan-negozjanti primarji. Fejn il-kriterju jinkludi ishma relattivi, il-perċentwali għandhom iqisu n-numru totali ta' negozjanti primarji.

Artikolu 9

Kriterji ta' eliġibbiltà għal mandati ta' tmexxija konġunta għal tranżazzjonijiet sindakati

Il-membri tan-netwerk tan-negozjanti primarji huma eliġibbli biex iservu bħala maniġers ewlenin konġunti għal tranżazzjonijiet sindakati, soġġett għall-issodisfar tal-kriterji li ġejjin:

- wara li jkun qabel, bħala parti mill-GTĊ, mat-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għal mandati ta' tmexxija konġunta għal tranżazzjonijiet sindakati u mal-iskeda tat-tariffi;
- ikunu kkonformaw mar-reqwiziti minimi tal-arranġamenti ta' kwotazzjoni matul il-perjodu ta' osservazzjoni; kif ukoll
- ma ngħatax il-mandat ewlieni matul il-perjodu ta' osservazzjoni.

Ir-reqwiziti minimi msemmija fl-ewwel paragrafu, il-punt (b) u l-perjodu ta' osservazzjoni msemmi fl-ewwel paragrafu, il-punti (b) u (c), kif ukoll regoli dettaljati oħra għal mandati ta' tmexxija konġunta għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar Prattiki tas-suq inklużi dawk ta' emittenti pari u għandhom jirriflettu l-bilanċ tal-benefiċċji u l-obbligi għall-membri tan-netwerk tan-negozjanti primarji.

Artikolu 10

Skeda tariffarja

L-iskeda tariffarja msemmija fl-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu, il-punt (d) u l-Artikolu 9, il-punt (a) għandhom japplikaw għall-operazzjonijiet ta' self u ta' ġestjoni tad-dejn. L-iskeda tariffarja għandha tistabbilixxi remunerazzjoni proporzjonata mal-kostijiet u mar-riskji mġarrba min-negozjanti primarji eliġibbli fit-tweqqi tal-operazzjonijiet ta' teħid ta' self u ta'

ġestjoni tad-dejn tal-Unjoni u tal-Euratom, filwaqt li tiżgura l-kosteffiċjenza għall-Unjoni u tqis l-ispeċifitàjiet tal-ħruġ tad-dejn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-volumi u l-maturitàjiet. L-iskeda tariffarja għandha tissemma' f'anness tat-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-mandati ta' tmexxija u ta' tmexxija konġunta għat-tranżazzjonijiet sindakati.

Artikolu 11

Arranġamenti ta' kwotazzjoni

Ir-reqwiżiti minimi tal-arranġamenti ta' kwotazzjoni msemija fl-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu, il-punt (c) u l-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, il-punt (b) għandhom jirreferu għall-ħin tan-negozjar, l-għadd ta' kwotazzjonijiet u firxiet ikkwotati għal titoli ta' dejn speċifikati tal-Unjoni u fuq pjattaforma interprofessjonali rikonoxxuta matul il-perjodu ta' osservazzjoni.

Artikolu 12

Impenji addizzjonali għall-mandati ewlenin

Membri tan-network tan-negozjanti primarji li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stipulati fl-Artikolu 8 jistgħu jintgħażlu għal mandati ta' tmexxija u ta' tmexxija konġunta għal tranżazzjonijiet sindakati abbażi tal-valutazzjoni tal-impenn tagħhom li jwettqu kwalunkwe waħda minn dawn l-attivitàjiet:

- (a) abbażi tal-aħjar sforz, jippromwovu l-likwidità tat-titoli tad-dejn tal-Unjoni u tal-Euratom b'attività ta' ġenerazzjoni tas-suq, u b'hekk jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni tal-prezz, għall-effiċjenza tas-suq sekondarju u għal eżekuzzjoni ordnata tan-negozjar;
- (b) jipprovdu konsulenza ekwa u informazzjoni dwar is-suq lill-Kummissjoni sabiex tfassal u timplimenta l-programmi ta' teħid ta' self, u, b'mod partikolari, jipprovdu konsulenza qabel il-pubblikazzjoni tal-programm ta' finanzjament u fil-kuntest tat-thejġija tat-tranżazzjonijiet tal-ġestjoni tad-dejn skont il-programmi ta' teħid ta' self;
- (c) jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni b'mod regolari dwar ix-xejriet tas-suq, l-analiżi u r-riċerka dwar il-funzjonament tas-swieq bi dħul fiss u, b'mod partikolari, is-sovrani, is-supranazzjonali u l-aġenziji;
- (d) jippromwovu u jiżviluppaw il-pjazzament tat-titoli ta' dejn tal-Unjoni u tal-Euratom f'komunità tal-investituri diversifikata u wiesgħa bħala parti mill-istrategġija tan-negozju tagħhom.

Artikolu 13

Għażla tas-sindakat

1. Is-sindakati għandhom jintgħażlu skont il-Kapitolu 1, it-Taqsim 2, il-punt 11.1, il-punt (j), tal-Anness I tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 fi proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt.
2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat it-talbiet għal proposti lil sottogrupp ta' membri eliġibbli tan-network tan-negozjanti primarji li jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 8 u 12, u titlob offerta għal parteċipazzjoni bħala manijers ta' tmexxija jew ta' tmexxija konġunta.
3. L-għażla tas-sottogrupp ta' negozjanti primarji eliġibbli li għandha tintbagħtilhom mill-Kummissjoni t-talba għal proposti għandha tkun ibbażata fuq kriterji kwalitattivi u kwantitattivi oġġettivi, marbuta mal-kapaċità ppruvata ta' negozjanti primarji eliġibbli fl-appoġġ tal-ħruġ sovrani u supranazzjonali fis-swieq primarji u sekondarji, u l-kapaċità tagħhom li jiddistribwixxu titoli ta' dejn lill-investituri. Dawn il-kriterji għandhom jinkludu wkoll valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-attivitàjiet elenkati fl-Artikolu 12. Il-Kummissjoni għandha timplimenta kriterju ta' rotazzjoni biex tiżgura li l-membri kollha eliġibbli tan-network tan-negozjanti primarji jiġu mistiedna regolarment biex jirrispondu għal talbiet għal proposti.
4. Il-proposti riċevuti mill-membri eliġibbli msemija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu evalwati abbażi ta' sett addizzjonali ta' kriterji kwalitattivi u kwantitattivi oġġettivi u fid-dawl tal-istabbiliment ta' sindakat, li l-kompożizzjoni tiegħu tkun l-aħjar kombinazzjoni possibbli ta' manijers għall-prestazzjoni ottima ta' tranżazzjoni partikolari.

5. Il-kriterji għat-trażmissjoni tat-talbiet għal proposti u għall-evalwazzjoni tal-proposti riċevuti għandhom jiġu kkomunikati lis-sottogrupp ta' membri tan-network tan-negozjanti primarji flimkien mat-talba għal proposti.
6. Il-Kummissjoni tista' tistieden lin-negozjanti primarji biex jesprimu l-interess tagħhom f'mandat bħala maniġers ewlenin konġunti għal tranżazzjoni sindakata, flimkien ma' maniġer ewlieni konġunt jew maniġers, abbażi ta' taċ-ċirkostanzi tas-suq u bil-ħsieb li tiġi żgurata l-prestazzjoni ottimali ta' tranżazzjoni partikolari. Il-Kummissjoni tista' tistieden jew lin-negozjanti primarji kollha eliġibbli skont l-Artikolu 8 jew sottogrupp tagħhom abbażi ta' ordni alfabetika u mekkaniżmu ta' rotazzjoni. Tali stedina għandha titqies għal mill-inqas tranżazzjoni waħda ta' sindakazzjoni fil-perjodu kopert minn pjan ta' finanzjament stabbilit f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE, Euratom) 2022/2544.
7. Il-Kummissjoni għandha tagħti lin-negozjanti primarji kollha, li aċċettaw l-istedina msemmija fil-paragrafu 6, il-mandat għall-maniġers koprincipali.

KAPITOLU 4

APPLIKAZZJONI GĦAS-SĦUBIJA U L-ISTABILIMENT TAL-LISTA TAL-MEMBRI TAN-NETWORK TAN-NEGOZJANTI PRIMARJI U L-MONITORAĠĠ

Artikolu 14

Applikazzjoni għas-sħubija u l-lista ta' negozjanti primarji

1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment interessati għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni applikazzjoni għas-sħubija fin-network tan-negozjanti primarji billi jimlew u jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni u l-lista ta' kontroll annessa fir-rigward tal-kriterji ta' ammissjoni disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni.
2. L-applikazzjonijiet għall-ammissjoni għan-network tan-negozjanti primarji għandhom jinkludu prova ta' konformità mal-Artikoli 4 u 5. L-evidenza u d-dokumenti ta' sostenn li għandhom jiġu mehmuża huma ddetalġati fil-formola tal-applikazzjoni u l-annessi tagħha.
3. Fil-każ ta' formola ta' applikazzjoni mhux kompluta, informazzjoni mhux kompluta jew data insuffiċjenti, l-applikant jista' jintalab mill-Kummissjoni biex jippreżenta l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. In-nuqqas li tiġi pprovduta l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa bi skadenza speċifika għandu jirriżulta fir-rifjut tal-formola ta' applikazzjoni.
4. L-għoti ta' informazzjoni jew dokumenti foloz, qarrieqa jew mhux korretti matul il-proċess tal-applikazzjoni għandu jirriżulta f'nuqqas ta' ammissjoni fin-network tan-negozjanti primarji jew, skont il-każ, jista' jwassal għal esklużjoni min-network tan-negozjanti primarji f'konformità mal-Artikolu 17 ta' din id-Deċiżjoni.
5. Fil-formola tal-applikazzjoni kull negozjant primarju għandu jiddikjara l-aċċettazzjoni tiegħu tal-GTĊ, u b'hekk jirrikonoxxi n-natura vinkolanti tal-GTĊ u jimpenja ruħu li jirrispettahom.
6. Il-formola ta' applikazzjoni u t-TKG għandhom jiġu ffirmati u t-TKG għandhom jiġu inizjalati wkoll fuq kull paġna minn rappreżentant awtorizzat kif xieraq tan-negozjant primarju li, abbażi ta' liġijiet applikabbli tal-ġurisdizzjoni rilevanti u d-dokumenti korporattivi rilevanti, għandu s-setgħa li jinvolvi b'mod validu lil dan in-negozjant primarju għall-iskop tal-prestazzjoni tal-obbligi u l-attivitajiet skont it-TKG. Għal dan l-għan, meta tiġi ppreżentata l-formola ta' applikazzjoni għandu jiġi pprovdut estratt tar-reġistru tal-kumpanija rilevanti.
7. Kwalunkwe komunikazzjoni, avviż jew informazzjoni relatata ma' din id-Deċiżjoni u mal-KGT għandha tintbagħat fl-indirizz għall-avviż elett min-negozjanti primarji fil-formola tal-applikazzjoni tagħhom u għandha tiġi indirizzata lill-persuna li tkun innominata bħala "koordinatur" fil-formola tal-applikazzjoni.

*Artikolu 15***Ammissjoni fin-network tan-negozjanti primarji**

1. Id-deċiżjoni dwar jekk applikant jgħix inkluż fil-lista tan-network tan-negozjanti primarji għandha tiġi adottata sa mhux aktar tard minn xahrejn mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni rilevanti. Jekk applikant jintalab jippreżenta informazzjoni addizzjonali f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 14, il-limitu ta' żmien għal deċiżjoni marbuta ma' dak l-applikant għandu jiġi sospiż sad-data tal-preżentazzjoni ta' dik l-informazzjoni addizzjonali. Jekk l-applikant jinforma lill-Kummissjoni li jqs li l-applikazzjoni hija kompluta, id-deċiżjoni għandha tiġi adottata fi żmien xahrejn (2). Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-applikant.
2. Id-deċiżjoni ta' rifjut ta' ammissjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet tal-motivazzjoni tagħha.
3. Il-lista aġġornata tal-membri tan-network tan-negozjanti primarji għandha tiġi ppubblikata darba fis-sena f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
4. Fid-dawl tat-tweġtiq tar-rieżami annwali, in-negozjanti primarji għandhom jiġu mistiedna jirrappreżentaw u jiddikjaraw lill-Kummissjoni li għandhom jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà għas-sħubija stipulata fl-Artikolu 4.

*Artikolu 16***Monitoraġġ**

Il-Kummissjoni tista' twettaq verifiki, jew tista' taħtar parti terza biex twettaqhom, biex tikkontrolla l-konformità tal-membri tan-network tan-negozjanti primarji ma' din id-Deċiżjoni. Il-membri tan-network tan-negozjanti primarji għandhom jikkooperaw u jiffaċilitaw it-tweġtiq ta' dawn il-verifiki, speċjalment billi jipprovdu l-informazzjoni u d-data meħtieġa kif ukoll l-aċċess għalihom.

Kull membru tan-network tan-negozjanti primarji għandu:

- (a) jipprovdu lill-Kummissjoni bil-limitu tar-riskju stabbilit għall-attività ta' negozjar tat-titoli ta' dejn tal-Unjoni u tal-Euratom f'konformità mal-GTĊ;
- (b) jinnotifika lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tnaqqis fil-grad mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni fl-Unjoni rikonoxxuti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq;
- (c) jinnotifika minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe nuqqas ta' konformità sussegwenti mal-kriterju ta' eliġibbiltà stipulat fl-Artikolu 4.

Meta jaċċetta t-TKG, in-negozjanti primarju jagħti l-kunsens tiegħu għal awditi u verifiki possibbli marbuta mad-data trażmessa lill-Kummissjoni fil-qafas tal-obbligi ta' rapportar tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tad-data li għandha tintuża biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tagħha fis-suk sekondarju.

*Artikolu 17***Sospensjoni u esklużjoni min-network tan-negozjanti primarji**

1. Is-sħubija tan-negozjant primarju fin-network tan-negozjanti primarji tista' tiġi sospiża f'dawn il-każijiet li ġejjin:
 - (a) il-bidu ta' proċedimenti kontra negozjant primarju kif imsemmi fil-punt (e) (iii) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 5;
 - (b) il-bidu ta' proċedura, li tista' tirriżulta fil-waqfien tas-sħubija fin-network jew fil-mekkaniżmu msemmi fl-Artikolu 4, punt (c);

- (c) ikun hemm bażi għall-esklużjoni tan-negozjant primarju skont l-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046;

In-negozjant primarju għandu jiġi mistieden permezz ta' avviż ta' qabel is-sospensjoni biex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fl-limitu ta' żmien ta' mhux inqas minn tlett (3) ijiem mill-wasla tal-avviż, ħliet f'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati, inkluż b'mod partikolari dawk relatati mar-riskju reputazzjonali. Id-deċiżjoni ta' sospensjoni għandha ssir effettiva fl-ewwel ġurnata tax-xogħol wara d-data tan-notifika lin-negozjant primarju mhux konformi. In-negozjanti primarji sospiżi ma għandhomx jirċievu mandati ta' tmexxija jew ta' tmexxija konġunta għall-perjodu tas-sospensjoni tagħhom.

Is-sospensjoni tista' titneħħa b'talba mingħand in-negozjant primarju sospiż. In-negozjant primarju għandu jippreżenta raġunijiet biżżejjed li, kif applikabbli, il-proċedimenti msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ma għadhomx pendenti u ma rriżultawx f'sanzjoni ta' natura liema tkun kontra n-negozjant sospiż, jew il-proċedura msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ma għadhiex pendenti u ma rriżultax fil-waqfien tas-sħubija fin-network jew il-mekkaniżmu msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 4. L-evidenza ppreżentata għandha tiġi vvalutata u għandha tittieħed deċiżjoni fi żmien 15 jum tax-xogħol minn meta tasal it-talba, sakemm tkun ingħatat biżżejjed evidenza.

2. In-negozjant primarju għandu jiġi eskluż min-network tan-negozjanti primarji f'dawn il-każijiet li ġejjin:

- (a) in-negozjant primarju ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4;
- (b) l-esklużjoni tan-negozjant primarju skont l-Artikoli minn 135 sa 142 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046;
- (c) nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti taħt il-punti (a) u (c) tal-Artikolu 5.

3. Il-proċedura li jmiss għandha tapplika għall-esklużjoni min-network tan-negozjanti primarji f'każijiet stipulati skont il-paragrafu 2:

- (a) in-negozjant primarju għandu jiġi mistieden, b'avviż ta' qabel l-esklużjoni, jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fl-limitu ta' żmien ta' mhux inqas minn sebat (7) ijiem minn meta jirċievi l-avviż;
- (b) id-deċiżjoni ta' esklużjoni għandha tiġi nnotifikata lin-negozjant primarju. Id-deċiżjoni ta' esklużjoni għandha ssir effettiva fl-ewwel ġurnata tax-xogħol wara d-data tan-notifika tagħha lin-negozjant primarju eskluż.

4. In-negozjant primarju jista' jiġi eskluż min-network tan-negozjanti primarji fil-każ ta':

- (a) nuqqas ta' konformità mal-obbligi stabbiliti skont il-punti (b), (d) (e) u (f) tal-Artikolu 5;
- (b) impenn ta' ksur imsemmi fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹³⁾, kif deċiż f'deċiżjoni finali adottata mill-awtorità kompetenti rilevanti;
- (c) deċiżjoni finali mill-awtorità kompetenti meħuda bħala riżultat ta' kwalunkwe proċediment imsemmi fil-punt (e) (v) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 jew relatata mal-liġijiet u r-regolamenti dwar l-AML u s-CTF.

5. Il-proċedura li jmiss għandha tapplika f'każijiet stipulati fil-paragrafu 4:

- (a) In-negozjant primarju kkonċernat għandu jirċievi avviż li jispeċifika r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, talba biex jissottometti osservazzjonijiet u miżuri korrettivi li jkun beħsiebu jieħu biex jirrestawra u/jew jiżgura l-konformità mal-kriterji u/jew l-obbligi rilevanti u jstabbilixxi limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' osservazzjonijiet ta' mhux inqas minn 7 jum minn meta n-negozjant primarju jirċievi l-avviż;

⁽¹³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1)

- (b) Filwaqt li jitqiesu l-osservazzjoni sottomessa u l-miżuri korrettivi kkomunikati, jekk ikun hemm, tista' tittieħed id-deċiżjoni li n-negozjant primarju mhux konformi jiġi eskluż min-netwerk tan-negozjanti primarji;
- (c) Id-deċiżjoni ta' esklużjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata l-esklużjoni;
- (d) Id-deċiżjoni ta' esklużjoni għandha ssir effettiva fl-ewwel ġurnata tax-xogħol wara d-data tan-notifika tagħha lin-negozjant primarju eskluż.

6. Is-sospensjoni tas-sħubija skont il-paragrafu 1, l-esklużjoni minn sħubija skont il-paragrafi 2 sa 5 u r-riżenja minn sħubija fin-netwerk tan-negozjanti primarji skont l-Artikolu 7, il-punt (e) ma għandu jkollhom l-ebda effett fuq id-drittijiet u l-obbligi tan-negozjant primarju inkwistjoni fir-rigward ta' kuntratti konklużi qabel id-data effettiva tal-esklużjoni, is-sospensjoni jew ir-riżenja rispettivament.

7. Is-sospensjoni ma għandhiex tinvolvi s-sospensjoni tal-obbligi skont l-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (f) u skont l-Artikolu 16.

KAPITOLU 5

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI

Artikolu 18

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2021/625 hija b'dan imħassra.

Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jinftehemu bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 19

L-Artikolu 8(a) u (b) tad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2021/625 għandu jkompli japplika għal tranżazzjonijiet sindakati li jibdew qabel l-1 ta' Novembru 2023.

L-Artikoli 8, l-ewwel paragrafu, il-punti (a) u (b), l-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, il-punti (a) u (c) u l-Artikolu 11 għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet sindakati li jibdew mill-1 ta' Novembru 2023;

L-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), l-Artikolu 9, l-ewwel paragrafu, il-punt (b) u l-Artikolu 13(6) u (7) għandhom japplikaw għal tranżazzjonijiet sindakati li jibdew mill-1 ta' Lulju 2024.

Artikolu 20

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

1. L-issodisfar tal-obbligu li tinxtara medja ponderata minima ta' 0,05 % tal-volumi rkantati mill-Unjoni u/jew mill-Euratom fuq bażi ta' kull sitt xhur

- (a) L-irkantijiet għandhom isiru permezz ta' sistema ta' rkant operata minn fornitur tal-irkant magħżul mill-Kummissjoni ("fornitur tal-irkantijiet").
- (b) Il-parteċipazzjoni fl-irkantijiet u x-xiri ta' titoli ta' dejn irkantati għandhom ssir skont ir-regoli tal-irkant organizzati mill-fornitur tal-irkant u approvati mill-Kummissjoni. In-negozjanti primarji għandhom jissottoskrivu r-regoli tal-irkant u jikkonformaw magħhom.
- (c) Jenħtieġ li n-negozjanti primarji kollha jifhemu li huma jaġixxu u jipparteċipaw fl-irkantijiet fuq riskji proprji u li l-Kummissjoni bl-ebda mod ma għandha tkun responsabbli mid-deċiżjonijiet ta' kwalunkwe parteċipant fl-irkantijiet u partikolarment għal kwalunkwe telf li jsir, kemm dirett kif ukoll indirett, li jirriżulta fir-rigward ta' kwalunkwe tranżazzjoni li ssir mill-parteċipanti.
- (d) In-negozjanti primarji għandhom jieħdu l-miżuri kollha biex jiżguraw li huma jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-irkant, b'mod partikolari jikkonkludu l-kuntratti mal-fornitur tal-irkant, jiffinalizzaw kwalunkwe pass u formalità meħtieġa biex jipparteċipaw fl-irkantijiet, u li jdaħħlu fis-seħħ l-infrastruttura teknika biex jipparteċipaw.
- (e) Il-Kummissjoni ma għandha ggarabb l-ebda kost jew responsabbiltà fil-konfront tan-negozjant primarju b'rabta mal-kuntratti bejn il-fornitur tal-irkant u n-negozjant primarju jew fir-rigward tal-infrastruttura teknika għall-irkant.
- (f) In-negozjanti primarji ma jkollhomx għalfejn jissodisfaw l-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 5(a) f'każijiet ta' force majeure, li b'mod partikolari ma għandhomx jinkludu każijiet ta' ħsara jew kwistjonijiet tekniċi relatati mal-infrastruttura.
- (g) Il-kalkoli tal-volumi li jinxtraw min-negozjanti primarji fuq il-perjodu ta' 6 xhur rilevanti għandhom jiġu ponderati skont it-tabella li ġejja:

Maturità residwa	< 3,5 m	3,5 m-1Y	1Y-4Y	4Y-8Y	8Y-12Y	12Y-17Y	17Y-23Y	> 23Y
Coeff.	0,5	1	2,5	5,5	10	15	20	25

- (h) Dan il-kalkolu għandu jiġi applikat għal perjodi ta' 6 xhur, minn April sa Settembru u minn Ottubru sa Marzu. Fl-2023, għandu japplika l-perjodu li ġej: minn Jannar sa Ġunju u minn Lulju sa Marzu tal-perjodu ta' wara. L-Artikolu 5(a) ta' din id-Deċiżjoni ma għandux japplika temporanjament għan-negozjanti primarji li jkunu ġew ammessi fin-network tan-negozjanti primarji wara l-bidu tal-perjodu ta' 6 xhur definit fil-punt (h). Għandu jibda japplika fl-aħħar tal-perjodu suċċessiv ta' 6-il xahar wara d-data li fiha n-negozjant primarju rispettiv jiġi ammess fin-network tan-negozjanti primarji.

2. Obbligi ta' rappurtar

- (a) Meta jintalbu jagħmlu dan, in-negozjanti primarji għandhom jagħtu informazzjoni dwar il-limitu tar-riskju stabbilit minn dan in-negozjant primarju għall-fini tal-ġestjoni tal-pożizzjoni tiegħu stess, għall-attività kummerċjali tat-titoli ta' dejn tal-Unjoni u tal-Euratom kif ukoll b'rabta ma' sa fejn jintuża l-limitu tar-riskju. L-informazzjoni li tiġi ppreżentata għandha tiġi speċifikata fit-talba.
- (b) In-negozjanti primarji għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni minnufih fil-każ li jkunu soġġetti għal titjib jew tnaqqis fil-klassifikazzjoni minn waħda mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni esterni rikonnoxuti mill-ESMA skont l-Artikolu 18 (3) tar-Regolament (KE)Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹).

(¹) Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiġradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).

- (c) In-negozjanti primarji għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni minnufih jekk ma jikkonformawx mal-kriterju ta' eliġibbiltà stipulat fl-Artikolu 4.
 - (d) In-negozjanti primarji għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar kull tibdil fid-dettalji ta' kuntatt permezz tal-formola tal-applikazzjoni billi jużaw il-mudell mehmuż mal-formola tal-applikazzjoni fi żmien ġimagħtejn mid-data minn meta t-tibdil jidħol fis-seħħ.
 - (e) Meta jintalbu jagħmlu dan, in-negozjanti primarji għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni kwalunkwe informazzjoni rilevanti għat-tweqqi tal-attivitajiet tan-negozjant primarju, partikolarment dwar l-attivitajiet fis-suq primarju u sekondarju relatati mat-titoli ta' dejn tal-Unjoni u tal-Euratom.
-

ANNEX II

Tabella ta' korrelazzjoni

Tabella ta' korrelazzjoni	
Deċiżjoni (UE, Euratom) 2021/625 tal-14 ta' April 2021	Din id-Deċiżjoni
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4	Artikolu 4
Artikolu 5	Artikolu 5
Artikolu 6	Artikolu 6
Artikolu 7	Artikolu 7
Artikolu 8	Artikolu 8
Artikolu 9	Artikolu 10
Artikolu 10	Artikolu 12
Artikolu 11	Artikolu 13
Artikolu 12	Artikolu 14
Artikolu 13	Artikolu 15
Artikolu 14	Artikolu 16
Artikolu 15	Artikolu 17
Artikolu 16	L-Artikoli 18 u 19
Artikolu 17	Artikolu 20